**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 8 ta' Jannar 2018**

**Rikors Numru. 64/2016**

**Walter Camilleri**
**vs**
**L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta (Transport Malta)**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ipprezentat minn **Walter Camilleri** fit-13 ta' Settembru 2016 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"1. Illi l-esponenti qiegħed iressaq dan l-appell minn 'Avviż ta' Penali Amministrattiva skont ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' ġarr ta' Passiġġieri (L.S. 499.56)' datat 8 t'Awwissu 2016 (**Dok. A**), kontestat mill-esponenti permezz tal-ittra tal-14 t'Awwissu 2016 (**Dok. B**), liema kontestazzjoni ma ġietx milqugħa bl-Awtorita' appellata tikkonferma d-deċiżjoni tagħha b'mod definittiv permezz tal-Avviż ta' Penali Amministrattiva tat-22 t'Awwissu 2016 (**Dok. C**);*

***2.** Illi l-esponenti jqis li l-Penali Amministrattiva ta' ħames mitt Euro (€ 500) u ħamsin (50) Punti ta' Penali imposti fuqu hija inġusta u għandha tiġi mħassra għas-segwenti raġunijiet:*

*(i) B'riferenza għal dak li jingħad fl-ittra tal-Awtorita' tat-8 t'Awwissu 2016 li fid-29 ta' Lulju 2016 f'Tower Road, Sliema għall-ħabta ta' 23.45 hrs l-appellant waqt li kien xufier tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GMY059 għabba passiġġieri minn fuq bus terminus, l-appellant jirrileva li dakinhar kien hemm il-festa tal-Balluta, Sliema, u b'hekk parti minn Triq it-Torri u t-toroq tal-madwar kienu magħluqa għat-traffiku, b'konsegwenza li kien hemm*

*diverżjoni fir-rotot tas-servizz pubbliku, u b'hekk f'dak il-ħin* ***ma kien hemm ebda servizz pubbliku jiffunzjona****, kif elenkat fl-ittra tal-istess appellant tat-8 t'Awwissu 2016. Illi l-għeluq tat-toroq u d-diverżjoni fir-rotot tat-trasport pubbliku jirriżultaw biċ-ċar mill-avviż maħruġ mill-operatur tat-trasport pubbliku (****Dok. D****) u kif ukoll mill-Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern tad-19 ta' Lulju 2016* ***(Dok. E)****;*

*(ii) Bla ħsara għas-suespost, l-appellant jikkontesta l-fatt li huwa kiser b'xi mod id-dispożizzjonijiet tal-Artiklu 42 tal-Avviż Legali 149 tas-sena 2009 hekk kif sussegwentement emendat (L.S. 499.56), peress li m'hemm ebda relazzjoni bejn dak indikat fl-avviż tat-8 t'Awwissu 2016 tal-Awtorita' u l-ittra tal-appellant tal-14 t'Awwissu 2016, u dak stipulat fl-Artiklu 42;*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija u għal raġunijiet u provi oħrajn li ser jiġu elenkati u ppreżentati waqt is-smigħ ta' dan l-appell, l-appellant Walter Camilleri, jitlob it-tħassir tal-Penali Amministrattiva ta' ħames mitt Euro (€ 500) u ħamsin (50) Punti ta' Penali imposti fuqu, bl-ispejjeż kollha kontra l-Awtorita' appellata."*

Ra id-digriet li permezz tieghu l-Awtorita` intimata moghti fis-27 ta' Marzu 2017 li permezz tieghu l-istess Awtorita` giet koncessa zmien sabiex tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha wara li kienet fi stat ta' kontumacja;

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** pprezentata fit-28 ta' Marzu 2017 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

*"Illi d-decizjoni raggunta mill-Bord ta' Rapprezentazzjonijiet tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta tat-22 ta' Awwissu 2016 ghandha tigi konfermata stante illi hija wahda gusta u timmerita konferma u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoniji tal-kaz.*

*2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, filwaqt li tirrizulta ammissjoni da parti tal-appellant, u cioe' illi huwa minnu li waqqaf u ghabba passiggieri minn fuq Bus Stop bi ksur tar-regolament 42 ta' LS 499.56, jigi sottomess bir-rispett illi r-raguni moghtija u cioe' illi l-agir tieghu ma jikkostitwix ksur tar-regolament indikat sempliciment ghax sar f'mument li fih ma kienx qed isir uzu mill-Bus Stops; ma hix raguni valida stante illi l-ebda ligi jew regolament ma jissanzjona tali agir u dan kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kaz."*

Ra d-dokumenti esebiti;

Sema' lill-ufficjal tal-infurzar Gaetano Frendo;

Ra li dan ir-rikors thalla ghal-lum ghal sentenza finali.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tat-22 ta' Awwissu 2016 li permezz taghha l-Awtorita` intimata imponiet penali amministrattiva ta' hames mitt ewro (€500) u hamsin (50) punt ta' penali in vista li rrizultalha li r-rikorrent kien ghabba passiggieri minn fuq *bus stop* gewwa Tas-Sliema.

Illi fir-rikors promutur ir-rikorrent jikkontendi illi fid-data tal-kontravvenzjoni, u cioe` d-29 ta' Lulju 2016 ma kien hemm ebda servizz ta' trasport pubbliku jiffunzjona peress li kien hemm il-festa tal-Balluta peress li parti minn Triq it-Torri, Tas-Sliema kienet maghluqa ghat-traffiku.

Illi **Gaetano Frendo,** ufficjal tal-infurzar mal-Awtorita` intimata, xehed illi fid-29 ta' Lulju 2016 f'11.45pm huwa kien xoghol gewwa Tower Road u nnota van bin-numru GMY 059 li waqaf fuq *bus stop* u beda jghabbi l-passiggieri. Jispjega illi huwa kien ghabba tliet (3) passiggieri. Ghalhekk mar fuqu u qallu li ma jistghax jghabbi minn fuq *bus stop.* Ix-xhud ma ftakarx xi spjegazzjoni kien ta r-rikorrent meta hu u kollega tieghu marru fuqu jkellmuh.

**Ikkunsidra:**

Illi skond id-decizjoni appellata, l-Awtorita` intimata sabet nuqqas ai termini tar-Regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (Legislazzjoni Sussidjarja 499.56) li jghid is-segwenti:-

***"42.*** *(1) L-ebda vettura għall-ġarr tal-passiġġieri m'għandha titqiegħed jew titħaddem regolarment għall-kiri:*

*Iżda l-ferroviji mingħajr binarji jitħallew jistennew biex jinkrew f'post ta' tluq approvat mill-Awtorità.*

*(2) Is-servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri, ħlief is-servizzi fuq ir-rotot tat-trasport għat-turisti u s-servizzi b'ferroviji mingħajr binarji, jistgħu jinbiegħu biss minn gabbani awtorizzati, minn postijiet kummerċjali awtorizzati, mill-uffiċini tal-operatur jew miċ-ċentru minn fejn jopera l-operatur, online, bit-telefown jew bil-posta.*

*(3) L-ebda persuna m'għandha -*
*(a) tbiegħ, jew*
*(b) iġġiegħel jew tħalli lil persuna oħra tbiegħ servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri, ħlief is-servizzi fuq ir-rotot tat-trasport għat-turisti u s-servizzi b'ferroviji mingħajr binarji, bi ksur tad-dispożizzjoni tas-subregolament (2).*
*(4) Ebda persuna m'għandha tiffitta, sew jekk direttament sew jekk indirettament, persuna f'xi post biex tuża servizz ta' ġarr tal-passiġġieri."*

Illi jekk wiehed ihares lejn il-pre-avviz datat 8 ta' Awissu 2016 u esebit a fol. 3 tal-process, isib specifikata l-infrazzjoni riskontrata mill-ufficjali tal-Awtorita` intimata liema infrazzjoni taqra s-segwenti "*...fejn jirrizulta li waqt li kont qed taghmilha ta' xufier tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GMY 059 ghabbejt passiggieri minn fuq bus stop"* bi ksur tar-Regolament 42 fuq citat. Illi jekk wiehed jara r-Regolament 42 ma jirrizultax illi xufier ikun in kontravvenzjoni tal-istess Regolament jekk jghabbi minn fuq *bus stop.* L-intenzjoni tal-Legislatur wara r-Regolament 42 tar-Regolamenti Dwar Servizzi ta' Garr ta'

Passiggieri, citat iktar ‘il fuq, kienet illi l-vetturi ghall-garr tal-passiggieri m’ghandhomx jitqieghdu ghall-kiri minghajr ma jkunu gew ingaggati ghal servizzi partikolari b’avviz minn qabel. Hekk perezempju ma jistghux jieqfu fit-triq u jistaqsu lill-persuni jekk ridux iwassluhom x’imkien. Il-ftehim biex jigi offrut is-servizz tal-istess vetturi jista’ jsir biss minn gabbani awtorizzati, postijiet kummercjali awtorizzati, mill-ufficini tal-operatur jew mic-centru fejn jopera, jew inkella *online*, permezz tat-telefown jew bil-posta.

Illi issa f’dan il-kaz ir-rikorrent ma ressaqx ix-xhieda tieghu u t-Tribunal hu konfortat biss bix-xhieda tal-ufficjal tal-infurzar tal-Awtorita` intimata. Madankollu it-Tribunal huwa tal-opinjoni illi kien hemm diversi nuqqasijiet da parti tal-Awtorita` intimata. L-ewwel u qabel kollox ma gie mkien stabbilit jekk il-persuni li r-rikorrent tella’ fuq il-vettura tieghu kinux ibbukjati minn qabel jew le ghax dawn ma gew mistoqsija l-ebda tip ta’ domanda mill-ufficjal tal-infurzar. L-istess ufficjal tal-infurzar li xehed quddiem it-Tribunal ma ftakarx x’kien qallu r-rikorrent *a tempo vergine*. Filwaqt li t-Tribunal ma jsibx gustifikata l-iskuzanti tar-rikorrenti, u cioe` li t-toroq kienu maghluqin ghat-traffiku, u dana ghaliex jirrizulta illi fil-hin li ghabba l-passiggieri fil-11.45pm t-triq kienet miftuha ghall-vetturi tant illi huwa ghadda mill-istess toroq, min-naha l-ohra ma jsibx illi l-Awtorita` intimata irnexxielha tipprova illi c-cirkostanzi tal-kaz partikolari verament kienu in kontravvenzjoni tar-Regolament 42 su citat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal iqis li d-decizjoni tal-Awtorita` intimata kienet wahda mhux gustifikata fic-cirkostanzi.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, qieghed jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ l-appell tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**